– KORREZZJONI SKOND L-ART. 175 TAL-KAPITOLU 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA –
– ZIEDA TA' ZEWG ATTURI LI ORINARJAMENT THALLEW BARRA –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

Avviz tat-Talba nru. **136/2019**
fl-ismijiet:

**Vince Beeston, Jacqueline Beeston u Maria Bromley**

***versus***

**Sandro Dimech**

**Illum, il-Gimgha, 22 ta' Mejju, 2020**

It-Tribunal;

Ra r-rikors ta' l-atturi tal-5 ta' Frar, 2020 (*a fol*. 66) illi bih talbu korrezzjoni fl-okkju ta' dan il-procediment ai termini tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi jizdiedu zewg atturi li thallew barra u cioè jigu aggunti Mary Lourdes sive Maria Lourdes Beeston u Maria Therese Beeston u dan ghaliex "*bi zvista ma gewx indikati bhala atturi Mary Lourdes sive Maria Lourdes Beeston li tigi omm l-atturi u li hija proprjetarja kwantu ghal 1/6 tal-proprjetà più uzufrutt fuq it-total u dan in forza ta' zewg kuntratti wiehed datat 12 ta' Settembru, 1995 in atti Nutar Charles Vella Zarb u l-iehor datat 1 ta' Awwissu, 2007 in atti Nutar Peter Fleri-Soler u kif ukoll Maria Therese Beeston bhala mart l-attur Vincent Beeston*";

Ra r-risposta tal-konvenut tad-19 ta' Frar, 2020 (*a foll*. 69–70) fejn hemm oggezzjoni u opposizzjoni ghal tali korrezzjoni;

It-Tribunal ha konjizzjoni mill-gdid ta' l-atti processwali rilevanti ta' dan il-procediment;

It-Tribunal jikkunsidra;

Dan huwa provvediment (digriet) dwar talba ghal korrezzjoni skond l-Art. 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaz-zieda ta' zewg atturi ma' dawk originali li ressqu l-kawza.

Il-prezenti jikkoncerna talba da parti ta' l-atturi sabiex l-atti processwali pertinenti tal-prezenti procediment jigu korretti minhabba zvista fl-inkluzjoni ta' zewg atturi ohra, ossia li tnizzlu solament tlett atturi (i.e., Vince Beeston, Jacqueline Beeston u Maria Bromley) minflok ma

tnizzlu, korrettement, hamsa (i.e., Vince Beeston, Jacqueline Beeston, Maria Bromley, Mary Lourdes sive Maria Lourdes Beeston u Maria Therese Beeston) bhala proprjetarji tal-fond mertu tal-prezenti proceduri. Kif indikat fir-rikors, tali talba qed tissejjes fuq l-Art. 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Min-naha tal-konvenut hemm opposizzjoni ghal tali zieda ta' atturi u jikkontendi, *inter alia*, li hu stess eccepixxa fir-Risposta li l-atturi kellhom jippruvaw illi huma s-sidien tal-proprjetà in kwistjoni, illi waqt ix-xhieda ta' Vince Beeston fl-udjenza tat-3 ta' Dicembru, 2019 it-Tribunal kien irrileva li kien jidhru certa mankanzi fejn jirrigwarda s-sidien kollha ta' l-istess proprjetà u illi l-azzjoni hi mressqa ghat-totalità tal-kumpens ta' l-allegati hsarat fil-fond u mhux skond is-sehem li jipposjedi kull attur originali. In sostenn ta' din il-posizzjoni, l-konvenut jiccita d-decizjoni fl-ismijiet "Adelaide Ellul et v. Modern Crown Stoppers Limited" (Appell Inferjuri, 12 ta' Novembru, 2003). Zied ukoll ighid illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi akkolta u l-istanza attrici rigettata;

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Ikollu jigi mistqarr li dan l-episodju partikolari – li hu frott semplici "zvista", kif imfisser mill-atturi – fil-verità hu wiehed li wera ruhu bhala wiehed difficli, li kkomplika indebitament il-procediment prezenti. Li kieku giet prestata ftit aktar attenzjoni u zelu mill-atturi meta ddecidew li jintvolaw din il-kawza, dan kollu seta' jigi evitat.

Ghalhekk, qalb tali indebita konfuzjoni u dizordini ritwali, dan it-Tribunal ser jittenta jirradrizza s-sitwazzjoni bil-mod li gej sabiex il-vertenza titpogga fuq il-binarji gusti.

Wiehed jibda biex jippuntwalizza illi l-prezenti talba ma intalbitx mill-parti attrici fl-ewwel udjenza hekk kif irid l-Art. 7 tal-L.S. 380.01 izda skond l-Art. 175(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.[1] L-Art. 175(1) jghid hekk: "*Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew leċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża*." Il-bqija tas-subincizi ta' tali disposizzjoni huma immaterjali ghall-kwistjoni odjerna.

Il-partijiet rilevanti ghall-episodju taghna jidher li jista' jingabar fi kliem tali disposizzjoni fejn hemm indikat hekk: "*Il-qorti tista' … tippermetti tibdil fl-iskritturi … billi fihom jiżdied … l-isem ta' waħda mill-partijiet … jew billi jissewwa kull żball ieħor …*" basta illi "*tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża*." Ghalhekk, tali disposizzjoni tikkoncerna r-rettifikazzjoni ta' zvisti, erruri jew zbalji, liema bidliet ma jistghux jimmodifikaw jew jirridimensjonaw is-sustanza jew l-oggett tal-kontiza. Tant dan hu minnu li tali disposizzjoni taghlaq billi tghid espressament hekk: "*sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-*

[1] Dwar tali zewg disposizzjonijiet u kif l-istess jistghu jigu mhaddma fi proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar wiehed hu mistieden jara l-provvediment ta' dan it-Tribunal *in re* **Ivan Vella v. Joseph Pitre et** tal-11 ta' Lulju, 2019 [ref. nru. 549/2018] u dan sabiex jigi evitata ripetizzjoni ta' certu principji.

*sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża*."[2] Ghalhekk, il-korrezzjoni, bidla jew sostituzzjoni koncessa minn din id-disposizzjoni hi restrittiva, fis-sens illi hi permessa solament f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn is-sustanza ta' l-azzjoni u kif ukoll dik ta' l-eccezzjonijiet ma jigux mibdula jew pregudikati.[3]

Id-domanda li tinsorgi hawnhekk hija din: ir-rikjesta ta' l-atturi biex jizdiedu zewg atturi flimkien maghhom tibdel is-sustanza ta' l-azzjoni taghhom u/jew tibdel l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza mqanqla mil-konvenut?

It-twegiba tat-Tribunal ghal tali mistoqsija hija fin-negattiv, u cioè illi kemm l-azzjoni u sia l-linja difensjonali ma jigux mibdula jew drastikament ri-dimensjonati biz-zieda ta' zewg atturi. Dan qed jigi konkjuz ghas-segwenti motivi.

L-istanza attrici hi dwar l-indenniz ta' danni (fl-ammont ta' €1,930.00c jew somma ohra verjuri) allegatament imgarrba mill-fond sottostanti ta' l-atturi komproprjetarji derivanti minn xi zvilupp fil-fond sovrastanti li tieghu hu sid il-konvenut. Biz-zieda ta' zewg atturi tali domanda gudizzjali mhux ser tinbidel, anzi ser tibqa' fl-istess dimesnjoni, ossia illi ser tibqa' talba ghal kumpens ta' ammont ta' flus bhala rizarciment minhabba l-allegat ghemil tal-konvenut.[4]

Iz-zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut huma pjuttost wiesgha u alkwantu generici. L-ebda wahda minnhom ma tikkwerela l-validità, il-legittimità jew l-ammissibilità ta' l-azzjoni attrici. Anzi, l-ewwel eccezzjoni (preliminari) tal-konvenut sempliciment tghid li, "*l-atturi ghandhom igibu prova illi huma ghandhom xi titolu jew jedd fuq il-proprjetà*" filwaqt li t-tieni wahda (fil-mertu) tghid illi, "*il-konvenut qed jirrespingi il-pretensjonijiet migjuba bhala infondati fid-dritt u fil-fatt u qed jikkontesta l-ammonti mitluba*." It-Tribunal ma jarax kif biz-zieda ta' zewg atturi dawn iz-zewg eccezzjoniijiet ser isofru bidla fis-sustanza taghhom jew xi pregudizzju procedurali irrimedjabbli l'ghaliex ghal dak li jikkoncerna l-ewwel eccezzjoni jkun dejjem kompitu ta' l-atturi – immaterjali min-nurmu taghhom – illi jaghtu dimostrazzjoni ta' "*xi titolu jew jedd fuq il-proprjetà*", filwaqt illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni wahda xorta wahda jibqa' oneru ta' l-atturi li juru li ressqu talba legalment u fattwalment valida u li jiggustifikaw l-ammont tal-hsarat mitluba.

---

[2] Fis-sentenza *in re* **Mirabelli nomine v. Gollcher nomine** (Appell Superjuri, 14 ta' Marzu, 1988) inghad li, "*Tul is-snin dan l-artikolu kif originarjament ippromulgat u kif sussegwentement emendat serva u gie uzat mill-Qrati taghna biex jigu evitati duplicità ta' kawzi u biex jigi evitat dak il-formalizmu rigoruz li hafna drabi kien iwassal ghalbiex jigi stultifikat il-kuncett tal-gustizzja. Però ma wasal qatt u ma gie qatt uzat mill-Qrati taghna biex tigi stultifikata l-istess ligi li testwalment tipprojbixxi kull korrezzjoni li tkun talvolta tbiddel is-sustanza ta' l-azzjoni jew ta' l eccezzjoni*."

[3] Fil-kawza *in re* **Elizabeth Calabrese v. Ersilia Bigeni** (Appell Kummercjali, 12 ta' Dicembru, 1994) inghad: "*Il-limitu huwa senjalat fil-frazi ... basta li l-ebda tibdil bhal dan ma jkun biddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni. Id-diffikultà li generalment tinholoq fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu taggira dejjem madwar din il-limitazzjoni ... Il-qofol qieghed fil-precisazzjoni li timporta l-kelma "fis-sustanza". Din tindika li kull bidla li ssir trid tkun bidla ta' xi dettal ta' xi haga marginali, incidentali, imma mhux materja ta' sustanza jew li teffetwa s-sustanza.*"

[4] Dwar dan il-punt précis (i.e., korrezzjoni permess purké s-sustanza ta' l-azzjoni ma tigix alterata), huwa interessanti dak li sostniet il-Qorti ta' l-Appell (Civili, Superjuri) *in re* **Emanuel Calleja v. Nazzareno sive Zaren Calleja et** (27 ta' Frar, 2004) u cioè illi, "*Li kieku kellu jirrizulta per ezempju illi bil-korrezzjoni mitluba l-azzjoni in korso kienet ser tinbidel minn wahda ta' divizjoni ghal wahda ta' danni jew ta' spoll, allura l-ewwel Qorti kien ikollha ragun li tiddeciedi kif iddecidiet, imma dan zgur ma jidhirx li huwa l-kaz. Anzi, bil-korrezzjoni mitluba, una volta li din tintlaqa', ikun ifisser li l-konvenuti appellati jkunu f'qaghda li jwiegbu sew ghal dak li qieghed jitlob li jsir l-attur appellant.*"

Jekk huwa tassew minnu – kif jafferma l-istess konvenut fir-risposta tieghu datata 19 ta' Frar, 2020 – illi "*mir-ricerka tieghu,* [hu] *kien jaf illi m'hemm*[x] *rapprezentanza shiha u skond kif titlob il-ligi*", allura kien mistenni minnu illi jfassal linja difensjonali aktar akuta jew specifika u jissolleva l-eccezzjoni appozita in kontestazzjoni ta' min ressaq l-azzjoni kontrih. Dan ma jidhirx li ghamlu u, anzi, jidher li l-konvenut kien aktar kuntent u komdu jopponi ghall-pretiza attrici b'eccezzjonijiet generali bla ebda turija li kien *a priori* partikolarment konsapevoli li kien hemm partecipanti ohra li thallew barra. Fi kliem iehor, jekk kien wettaq ricerka u kien jaf li l-atturi kellhom jkunu aktar minn dawk originalment li ntavolaw il-kawza, wiehed ma jarax x'inhi r-raguni l'ghaliex il-konvenut zamm lura milli jqanqal l-eccezzjoni appozita.

Mela allura, u f'tali determinati cirkostanzi, iz-zieda li qed jitolbu l-atturi tidher permsibbli proprju ghaliex din mhux ser tiskonvolgi l-qaghda guridika tal-kawza u lanqas ser tibdel is-sustanza ta' l-azzjoni kif formulata u mressqa. Lanqas ma hi sejra iggib fix-xejn il-linja difensjonali intrapriza mill-konvenut illi ghazel li jiddefendi ruhu b'eccezzjonijiet tant wiesgha. Ghal dak li jikkoncerna l-kwistjoni tal-*quantum* li jkun talvolta jisthoqqilhom l-atturi (li jaccenna ghaliha l-konvenut fit-twegiba tieghu) – dejjem jekk l-atturi juru sal-grad rikjest fil-ligi li tassew jisthoqqilhom kumpens – din hi materja li strettament tmur lil hinn minn dan l-episodju ta' indoli procedurali u ghalhekk l-istess qed tithalla impregudikata.

Dak li t-Tribunal ghandu perplessità dwaru huma certu aspetti li iltaqa maghhom fl-evidenza sottoposta abbazi tal-prezenti kwistjoni. Dan jista' jigi ahjar spjegat hekk kif gej.

Mill-att pubbliku ezibit mill-attur Vincent Beeston fl-udjenza tat-3 ta' Dicembru, 2019, datat 12 ta' Settembru, 1995, jidher illi Leofric Tabone Valletta u martu Maria Tabone Valletta, *qua* vendituri, bieghu l-uzufrutt fuq l-interità tal-fond 83, Triq il-Brittanja, Rahal Gdid lil Maria Lourdes Beeston *vita durante* u trasferew u bieghu n-*nuda proprietas* ta' terz ($^1/_3$) indiviz mill-istess fond lil Vincent Beeston u lil martu Maria Therese Beeston u terz ($^1/_3$) indiviz mill-istess fond lil Francis Gladwish u lil martu Jaqueline Gladwish (li flimkien jaghmlu t-trasferiment ta' zewg terzi ($^2/_3$) indivizi tan-*nuda proprietas*).

Dwar il-vendituri l-konjugi Tabone Valletta l-imsemmi att pubbliku jispecifika illi "*Ghall-fini ta' l-att numru sbatax ta' l-elf dia' mija tlieta u disghin qed jigi dikjarat mill-vendituri li issa li bieghu din ir-residenza taghhom ma fadallhom ebda residenza hlief il-maisonette bla numru u bla isem fi triq gdida bla isem parallella ma' Triq il-Mahsel f'San Tumas limiti ta' Marsascala gia limiti taz-Zejtun* …".[5] Ghalhekk, tali dikjarazzjoni taghti l-impressjoni li l-konjugi Tabone Valletta aljenaw kollox, kull jedd u kull sehem fl-imsemmi fond u li ma fadlilhom l-ebda setgha *qua* sidien fuqu. Madanakollu, il-partijiet operattivi ta' dan il-kuntratt ma jindikawx hekk. Anzi, l-istess kuntratt ma jispecifika xejn dwar ir-rimanenti terz ($^1/_3$) indiviz fl-istess proprjetà u, f'tali skiet, il-presunjzoni hija li l-istess baqa' vestit fil- u mizmum mill-konjugi Tabone Valletta.

Ghalhekk, sa tali stadju jidher illi s-sewgenti kellhom dawn il-jeddijiet fuq il-fond 83, Triq il-Brittanja, Rahal Gdid:

(i) Vincent u Maria Therese konjugi Beeston kienu jipposjedu bejniethom terz ($^1/_3$) indiviz *qua* sidien;

[5] Ara *a foll*. 24–25.

(ii) Francis u Jaqueline konjugi Gladwish kienu jipposjedu bejniethom terz $(^{1}/_{3})$ indiviz *qua* sidien;

(iii) Leofric u Maria konjugi Tabone Valletta baqghu izommu bejniethom terz $(^{1}/_{3})$ indiviz qua sidien; u

(iv) Maria Lourdes Beeston kienet tgawdi l-uzufrutt tul hajjitha kollha fuq l-intier tal-fond, cioè fuq l-ishma t'hawn qabel.

Sussegwentement, b'att pubbliku iehor datat l-1 ta' Awwissu, 2007, il-posizzjoni fuq deskritta giet modifikata leggerment fil-konfront ta' Maria Loudes Beeston. Fl-imsemmi att pubbliku Francis Gladwish trasferixxa u biegh sehemu mill-istess fond, ossia sest $(^{1}/_{6})$ indiviz lil Maria Lourdes Beeston. Dan ifisser illi l-proprjetarji tal-fond 83, Triq il-Brittanja, Rahal Gdid – dejjem skond l-evidenza sottomessa ghall-iskrutinju tat-Tribunal – jidhru li huma dawn:

(i) Vincent u Maria Therese konjugi Beeston li jipposjedu bejniethom terz $(^{1}/_{3})$ indiviz *qua* sidien;

(ii) Jaqueline Gladwish li tipposjedi sest $(^{1}/_{6})$ indiviz bhala sid;

(iii) Leofric u Maria konjugi Tabone Valletta li baqghu jipposjedu bejniethom terz $(^{1}/_{3})$ indiviz *qua* sidien; u

(iv) Maria Lourdes Beeston li tipposjedi sest $(^{1}/_{6})$ indiviz bhala sid u kif ukoll tgawdi mill-uzufrutt tul hajjitha kollha fuq il-fond shih.

Fid-dawl ta' dawn ir-riljevi, it-Tribunal jwettaq dawn is-segwenti rimarki:

***(a)*** Vince Beeston [K.I. nru. 440163M] – dwar dan ma hemmx kwistjoni peress li huwa sid ta' sest $(^{1}/_{6})$ indiviz u huwa attur originali;

***(b)*** Jacqueline Beeston [K.I. nru. 311403L] – il-kuntratt tal-1995 jitkellem dwar Jacqulene Galdwish [K.I. nru. 003401A]. It-Tribunal ma jafx (ghax m'hemm xejn fl-atti bhala evidenza) jekk kienx hemm separazzjoni bejn il-konjugi Gladwish permezz ta' liem il-mara rrivertiet ghal kunjomha ta' xebba u li allura juri illi Jacqueline Glawdish tal-kuntratt hija fil-fatt Jacqueline Beeston ta' din il-kawza bhala parti attrici. It-Tribunal lanqas m'ghandu certezza illi Jacqueline Glawdish (li tissemma fil-kuntratt) hija fil-verità l-istess attrici Jaqueline Beeston jew, addiritura, jekk dawn iz-zewg persuni humiex kompletament diversi minn xulxin. Dan qed jinghad minhabba d-differenza fil-karta ta' l-identità taghhom kif temergi mill-atti processwali. Inoltre, jekk kunjom din l-attrici fil-prezenti kawza huwiex indikat sew bhala "Beeston" jew inkella ghandux jaqra korrettement bhala "Gladwish" hi haga li l-attur ma affrontax fit-talba tieghu tramite r-rikors tal-5 ta' Frar, 2020.

***(c)*** Maria Bromley [K.I. nru. 348487M] – il-kuntratti imsemmija hawn aktar 'il fuq ma jindikaw lil ebda Maria Bromley. Minn fejn hareg dan l-isem – almenu mill-evidenza s'issa in atti – hija haga injota ghat-Tribunal. L-unika haga li seta' jindividwa dan it-Tribunal huwa li n-numru tal-karta ta' l-identità 348487M isejjah lil Maria Tabobe Valletta, venditrici fuq il-kuntratt tal-1995. Il-kunjom "Bromley" ma kienx kunjomha bhala xebba peress li hi kienet bint Jack Beeston u Maria Lourdes xebba Pace.

***(d)*** Mary Lourdes *sive* Maria Lourdes Beeston [K.I. nru. 70537M] – din hija persuna li taghha qed tintalab iz-zieda bhala attrici f'din il-kawza. Mill-atti pubblici fuq deskritti jidher li din

il-persuna tipposjedi sest ($^1/_6$) indiviz bhala *nuda proprietas* tal-fond mertu tal-kawza (permezz tal-kuntratt tal-2007) u kif ukoll tgawdi mill-uzufrutt tul hajjitha kollha fuq l-istess fond (permezz tal-kuntratt tal-1995). Kif argumentat aktar kmieni din il-persuna ghandha interess tippartecipa bhala attrici f'din il-kawza u z-zieda taghha mhux ser tiddisturba d-domanda gudizzjali u l-eccezzjonijiet ghaliha.

***(e)*** Maria Therese Beeston [K.I. nru. 175064M] – din hija persuna li taghha qed tintalab iz-zieda bhala attrici f'din il-kawza. Minn dak deskritt aktar kmieni, jirrizulta li din il-persuna akkwistat sest ($^1/_6$) indiviz tan-*nuda proprietas* fil-fond mertu tal-kawza flimkien ma' zewgha, l-attur Vincent Beeston. Kif argumentat aktar kmieni din il-persuna ghandha interess tippartecipa bhala attrici f'din il-kawza u z-zieda taghha mhux ser tiddisturba d-domanda gudizzjali u l-eccezzjonijiet ghaliha.

Lil hinn minn dak li ser jigi dekretat *infra*, l-atturi ghandhom jiehdu hsieb l-anomaliji jew diskrepanzi fuq riskontrati u diligentement jiehdu l-mizuri kollha adegwati biex, jekk possibbli, jindirizzawhom, senjatament dwar il-konjugi Tabone Valletta, l-attrici Jacqueline Beeston/Gladwish u Maria Bromley. It-Tribunal huwa prekluz illi *di sua autonoma sponte* jindirizza jew jittenta jirrettifika tali kweziti bla m'hemm l-ebda talba (u risposta) ghar-rigward[6] u anke l'ghaliex huwa sprovvist mill-materjal necessarju (i.e., evidenza mressqa mill-partijiet) biex jimxi ma' dak statwit fl-Art. 175(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.[7]

In kjuzura, it-Tribunal ma jistax ma jghaddix is-segwenti osservazzjoni.

Ta' spiss jigri li f'kawzi quddiem dan it-Tribunal – forsi minhabba n-nomenklatura tieghu jew ghax ormai jinsab maghruf li strat tal-gurisidizzjoni intrinsika tieghu hi bazata fuq gustizzja, hekk imsejjha, ekwitattiva, – il-procediment relattiv, sfortunatament, jitmexxa b'certu leggerezza u informalizmu ghal dak li jirrigwarda kemm il-produzzjoni ta' provi rilevanti u xierqa u kif ukoll fit-

---

[6] Dan huwa hekk l'ghaliex, "*nel processo civile vige il così detto principio dispositivo in conseguenza del quale il giudice decide esclusivamente in base alle prove fornite in giudizio dalle parti*." (*cfr*. **FRANCESCO GAZZONI**, "Manuale di Diritto Privato", XI ed., 2004; p. 102). Ghaldaqstant, "*le parti sono, e devono essere, su di un piede di parità i protagonisti e gli artefici del processo poiché loro è la res de qua agitur, e su di loro, infine, ricadranno gli effetti del giudizio*" (*cfr*. **GIROLAMO MONTELEONE**, "Manuale di Diritto Processuale Civile", CEDAM 2007; Vol. I, p. 20). "*È, dunque, infedele alla legge quel giudice che, anche in buona fede, si sovrappone alle parti assumendo di fatto la veste di contraddittore, che non gli compete; quel giudice che strumentalizza le parti ed il processo per un fine ad esso esterno, qualunque esso sia (politico, ideologico, economico, di sentimento, persecutorio, ecc. ecc.); quel giudice che finge di vivere il contraddittorio ed il processo, ma giunge in realtà con la soluzione precostituita in tasca*." (*ibid*., p. 31). L-istess awtur ikompli jghid li, "*Il giudice, come ben sapiamo, è un terzo che non sa nulla (e nulla deve sapere) dei fatti controversi; nel nostro ordinamento assume anche la veste del pubblico impiegato, cioè di burocrate, per cui egli in linea di principio, oltre ad ignorare i fatti, si limita a svolgere il suo lavoro senza particolari entusiasmi per le vicende riguardanti le parti. In queste condizioni è quanto meno azzardato pensare che il giudice possa con esito proficuo sostituirsi nell'acquisizione delle fonti di prova alle parti, che invece conoscono assai bene i propri affari, sanno come e dove cercare le prove, e rischiano in prima persona.*" (*ibid*., p. 269). Inltre, hekk kif jiktbu l-awturi **ANTONIO CARATTA** u **MICHELE TARUFFO** ("Poteri Del Giudice", Zanichelli editori 2011; p. 478), b'referenza ghall-principju antik ta' «*secundum acta et probata non secundum privatam scientiam*»[6], "*il giudice era infatti vincolato a decidere* secundum probata, *non* secundum conscientam, *e quindi non poteva* supplere de facto, *potendo utilizzare solo le informazioni che avesse acquistato uti iudex, ossia nell'ambito del process.*"

[7] Tali subinciz jghid hekk: "*Il-qorti tista', sa dakinhar li tagħti s-sentenza u taqta' l-kawża, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv f'att ġudizzjarju.*"

tfassil tad-domanda u/jew ta' l-eccezzjonijiet. Huwa minnu li dan it-Tribunal huwa moghni bil-fakultà li jaqta' l-kawzi quddiemu skond l-ekwità [kif dettat fl-Art. 6 u Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet], izda dan m'ghandux jigi interpretat bhala xi forma ta' rilassament awtomatiku tad-dmirijiet processwali ghal dak li jirrigwardaw il-presupposti processwali u l-ingredjenti ritwali kollha pertinenti li ghandhom jigu dejjem imharsa, inkombenti fuq il-partijiet u/jew ir-rapprezentanti legali taghhom. L-ekwità m'ghandha qatt tigi interpretata bhala xi forma t'abdikazzjoni mid-dover tal-kontendenti (u d-difensuri taghhom) li jharsu tali presupposti u ingredjenti ritwali bazilari l'ghaliex, wara kollox, "æquitas legem sequitur" (l-ekwità ssegwi l-ligi) u "æquitas nunquam contravenit legem" (l-ekwità ma tmurx kontra l-ligi). Kif ritenut mit-trattist modern **GIROLAMO MONTELEONE** ("Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol. I, CEDAM, 4[a] ed., 2007, p. 259), "*L'equità è infatti espressione di diritto, cioè di ordine concreto dei rapporti intersoggettivi, allo stesso modo delle norme scritte generali ed astratte. Ne consegue che quello di equità è un giudizio a tutti gli effetti, quindi ha natura pienamente giurisdizionale e non di altro genere. Ciò comporta due conseguenze della massima importanza: la prima è che le basi di fatto del giudizio restano identiche e comuni nell'uno e nell'altro caso. Non potrebbe, ad esempio, il giudice di equità assumere per certo un fatto non allegato o non provato, o ritenere inesistente un fatto allegato e provato, o alterarne il contenuto. La seconda è che anche il giudizio di equità deve essere motivato, ed anzi ancor più e meglio di quello secondo diritto, poiché non si basa su di un criterio preformato conosciuto, o conoscibile, a priori dalla generalità dei soggetti, ma su di un sentimento diffuso che il giudice deve sapere interpretare*."[8] Dan kollu jissinjifika illi l-poter (jew il-funzjoni) ta' l-ekwità ma tista' qatt tissorvola normi procedurali u lanqas ma tista' sservi biex zvisti ta' certa portata jigu ssanati.[9] L-ekiwtà m'ghandha tkun qatt ghodda li tikkumpensa ghal mankanzi processwali. Anzi, ghandha tkun ghodda li tikkumplimeta l-bqija tad-Dritt Sostantiv.[10]

**Ghaldaqstant**, in linea mall-kunsiderazzjonijiet u mar-ragunijiet espressi f'dan il-provvediment, qed jilqa' t-talba kif dedotta fir-rikors ta' l-atturi tal-5 ta' Frar, 2020 u jordna li Mary Lourdes *sive* Maria Lourdes Beeston [K.I. nru. 70537M] u Maria Therese Beeston [K.I. nru. 175064M] jidhlu bhala partijiet attrici u ghalhekk f'dan is-sens l-okkju ta' din il-kawza ghandu jigi korrett biex jirrifletti din iz-zieda u li tali bidla tkun applikabbli kull fejn opportun u mehtieg fl-atti ta' dawn il-proceduri.

---

[8] Bhala ezempji, fost il-bosta, wiehed hu mistieden jara d-decizjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) *in re* **Elmo Insurance Limited noe v. Connie Grech et** (3 ta' Ottubru, 2007); **Maltacom plc v. Silvan Industries Limited et** (28 ta' Novembru, 2007); **Francois Spiteri v. Emanuel Cucciardi et** (27 ta' Frar, 2009); u **Charon sive Sharon Mizzi v. Direttur Generali tas-Sigurtà Socjali** (28 ta' Marzu, 2017).

[9] Dwar dan ara *in re* **Elmo Insurance Limited noe v. Connie Grech et** (Appell Inferjuri, 3 ta' Ottubru, 2007) u in re **Emanuel Borg et v. Anna Clews et** (Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009), fost ohrajn.

[10] Infatti, fid-decizjoni *in re* **Maltacom plc v. Silvan Industries Limited *et*** (Appell Inferjuri, 28 ta' Novembru, 2007) inghad hekk: "*l-ekwità hi intiza biex tkun maghzula mit-Tribunal dik ir-regola ta' gudizzju li, b'riferiment ghal kaz konkret, tikkonsenti ghal soluzzjoni aktar adegwata tal-kontroversja. Indubitament, ukoll, huwa vitali li din ir-regola tinzamm fil-qafas tar-ragjonevolezza u ma tithalliex tiskonfina fl-arbitrarjeta jew 'il barra mis-sistema fejn il-ligi u l-principji tad-dritt jibqghu l-gwidi principali fl-ambitu tal-fattispeci specifici li jkunu qed jigu ezaminati. Certament, ma kellux ikun mistenni illi l-ekwità sservi bhala xi sors alternattiv jew awtonomu ghal-ligi b'mod li t-Tribunal jinjora l-applikazzjoni taghha ghall-mertu tal-punt li kellu quddiemu. Pjuttost, ir-regola ta' gudizzju u ta' l-uzu tal-poter diskrezzjonali vestiti fih kellhom ikunu applikati fil-konfini tal-principju informatur tal-kwestjoni biex jigi verifikat, bhal f' dan il-kaz, dak ir-rapport negozjali suggerit mic-cirkustanzi tal-kawza.*"

Stante li dan l-episodju processwali seta' jigi facilment evitat bil-prestazzjoni ta' ftit attenzjoni, it-Tribunal sejjer jiehu dan l-episodju in konsiderazzjoni meta finalment ikun qed jiddeciedi l-kaz ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-*capo spese*.

It-Tribunal jordna li kopja tal-prezenti provvediment (digriet moghti *in camera* llum 22 ta' Mejju, 2020[11]) jigi minnufih komunikat u mgharraf lid-difensuri tal-partijiet permezz tal-*email* (avukat atturi: nbartolo@icloud.com; avukat konvenut: duncan.borgmyatt@maltafreeport.com.mt).

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[11] Kif anke regitrat fil-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta' Frar, 2020 (*a fol*. 65).